# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1752

Każ Nru 2353/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

John Bartolo

u

Vella Falzon Building Supplies Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li
hi nġusta

Data: 10 ta' Jannar 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat fis-6 ta' Marzu 2006 permess ta' rikors magħmul mill-Avukat Joe Brincat f'isem is-sur John Bartolo li kien ġie liċenzjat mill-impieg li kellu mas-soċjetà Vella Falzon Building Supplies Ltd fid-9 ta' Diċembru 2005 għal raġuni li allegatament mhix ġusta. Is-Soċjetà, li kienet rappreżentata mill-Avukat Nicolai Vella Falzon, innegat dan. Inżammu disa' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad li minħabba id-differimenti li intalbu waqt is-smiegħ tal-każ kif ukoll minħabba nuqqas infrastrutturali t-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jiddeċidi l-każ fiż-żmien preskritt.

## 2. Fatti tal-Każ

Is-Soċjetà Appellata tallega li nhar id-9 ta' Diċembru 2005 l-Appellant kien involut f'inċident fejn huwa b'mod aggressiv u b'lingwaġġ baxx ikkonfronta lil waħda mid-Diretturi tas-Soċjetà tant li ħasbet li se tkun imsawwta minnu. Tgħid l-istess Soċjetà li dan kien il-kolmo ta' komportament xejn dinjituż tal-Appellant fl-aħħar żmien tal-ħajja lavorattiva tiegħu li matulha kien irċieva diversi twissijiet. L-Appellant jinnega dan kollu u jgħid li huwa kien ingħata doveri li ma kienux tiegħu u f'dak l-inċident kien oġġezzjona li jaħdem f'ambjent fejn kien hemm *forklifter* li bil-foga tiegħu kien qed jikkawżalu ħsara fis-saħħa tiegħu. Jgħid ukoll illi l-konfront li kellu mad-Direttriċi tas-Soċjetà kien provokat minnha meta hija ppuntat subgħajha lejh u bdiet tgħajjat miegħu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal ried l-ewwel nett jara jekk dak li kien mixli bih l-Appellant kienx kif allegat. Ried jara wkoll jekk jirriżulta hekk, kienx jimmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija.

Jirriżulta b'mod ċar mill-provi preżentati li l-atteġġjament u l-komportament ta' l-Appellant kienu karatterizzati minn perijodi fejn huwa kien jitkellem ħażin u jidgħi fil-preżenza ta' sħabu l-ħaddiema kif ukoll kultant anke quddiem il-klijenti. Dan l-atteġġjament beda' hekk kif reġa ġie impjegat mas-Soċjetà wara perijodu ta' xi snin fil-Faċilità Korrettiva, fejn kien ġie rikoverat għal xi ħaġa li ma kienitx relatata max-xogħol tiegħu. Wieħed jifhem illi wara trawma bħal dik fejn jallega li ġie kundannat intortament il-karattru tiegħu jinbidel xi ftit. Wieħed jifhem ukoll illi f'ambjent fejn hemm ftit ta' l-istorbju l-vuċi trid kultant tgħollijha biex tinstema'. Izda dan ma jiġġustifika bl-ebda mod kliem faħxi jew dagħa. Intqal ukoll illi kien għadda xi żmien l-isptar għaliex kellu infezzjoni f'imsarnu. Jgħid li din kienet kawża tax-xogħol li kien iwettaq. Iżda l-ebda prova ta' dan ma ġiet preżentata. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-*fumes* li kienu joħorġu mill-*forklifter* li jitħalla jaħdem ġewwa jidher li kull min kellu xi problema dwar dan seta' faċilment jitfih hu. Intqal li r-relazzjoni ta' l-Appellant mad-Diretturi kienet korretta dment li kien hemm missier id-Diretturi preżenti u tħassret biss meta telaq il-missier u t-tfal tiegħu ma kienux jittrattawh tajjeb. Dan ma ġiex pruvat u anke kieku, għax ħaddiem ma għandux il-lussu li jagħżel kif iġib ruħu skond liema Direttur ikollu quddiemu. Jekk iħossu li qed jiġi vittimizzat jew b'xi mod diskriminat għandu rimedji oħra u mhux dak tal-kliem ħażin u dagħa. It-Tribunal huwa sodisfatt li l-aġir tal-Appellant, kif allegat mis-Soċjetà Appellata, ġie effettivament ippruvat.

Dana kollu jiġġustifika t-tkeċċija mill-impieg ta' l-Appellant? It-test tas-suffiċjenza huwa neċessarju biex it-teżi tas-Soċjetà Appellata ikollha suċċess. Hawn bilfors wieħed irid jeżamina dak li ġara qabel l-imsemmi nċident. Jidher li l-Appellant kien spiss jgħaddi minn perijodi fejn kien jaġixxi b'mod ta' konfront. Għad li kien jiġi imwissi xorta kien jerġa jaqa' f'dan l-aġir. Is-Soċjetà Appellata tidher li ħadet paċenzja ħafna. Issapportat lill-Appellant anke meta kien fil-Faċiltà Korrettiva tant li reġgħet impjegatu meta ħareġ u fil-fatt kien reġa' beda jaħdem magħha anke fl-aħħar xhur taħt il-programm "*Bridging the Gap*". Matul il-perijodu qabel il-liċenzjament tiegħu l-Appellant kien ġie imwissi ripetutament. Twissija bil-miktub kien hemm waħda biss dik tas-7 ta' Settmbru 2005. Intqal li kien hemm diversi twissijiet verbali. Dan it-Tribunal, anke diversament presjedut, jaqbel li twissijiet verbali jekk jiġu pruvati jiswew daqs dawk bil-miktub. Id-differenza hi li dawk miktubin ma jagħtu lok għall-ebda ekwivoku. Karina Vella Falzon tgħid li kienet tagħtih twissijiet verbali (seduta 5 ta' April 2006 fol 17). Alexis Vella Falzon ukoll qal dan (seduta tad-9 ta' Ġunju 2006 fol 6 et seq). Ir-reazzjoni ta' l-Appellant, skond Alexis Vella Falzon, u dan ma ġie bl-ebda mod kontradett, kienet tkun "jekk xbajt minni taf x'għandek tagħmel". Dan konfermat ukoll mix-xhud Ian Hall (seduta tal-21 ta' Ġunju 2006 fol 6). Dana jindika mhux biss li twissijiet bil-fomm ingħataw iżda li r-reazzjoni kienet waħda aggressiva u arroganti.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament ta' l-Appellant John Bartolo minn mas-Soċjetà Appellata, Vella Falzon Building Supplies Limited, kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja